MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 159/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Richard Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Richard Spiteri, imwieled Pieta fl-20 ta' Frar 1971, bin missier mhux maghruf u Mary Rose nee Spiteri, residenti Nru. 102 Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita 118271 (M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2008 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli ikkommetta l-imsemmija reati li ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu operativ ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. J. Apap Bologna LL.D. nhar id-29 ta’ Frar 2008, u b’digriet ta’ dina l-Qorti l-14 ta’ Dicembru 2010, il-kliem “29 ta’ Frar 2008” gew sostitwiti bil-kliem “29 Jannar 2008.”.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra  milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti  bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat li l-imputat baqa' jinsisti li jrid jiddefendi lilu innifsu minghajr l-ghajnuna ta' avukat, minkejja li din il-Qorti ippruva tipperswadih li jaccetta li tinnominalu avukat ta' l-ghajnuna legali sabiex jassistih, izda l-imputat baqa' jirrifjuta.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Jannar 2011;

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2011, fejn il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, stante  li minn qari tal-fedina penali irrizulta li fis-7 ta' Frar 2007, l-imputat nstab hati tal-akkuzi dedotti kontrieh f'dik il-kawza u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien 4 snin ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u minn ricerka li ghamlet din il-Qorti, irrizultalha li ma kienx inghata l-liberta kondizzjonata, imma nghata sentenza sospiza.

Semghet lix-xhud CO3 Michael Micallef li jahdem fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin li ikkonferma li s-sentenzi sospizi moghtijin minn din il-Qorti diversament preseduta

fis-7 ta’ Frar 2007 u fid-29 ta’ Jannar 2008 ma gewx resi operativi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April 2011 fejn il-Qorti regghet staqsiet lill-imputat jekk riedx ikun assistit minn avukat u l-imputat irrifjuta, u l-Qorti iddiferiet il-kawza sabiex tigi trattata l-kwistjoni li s-sentenzi sospizi li nghataw mill-Magistrat Audrey Demicoli fis-7 ta’ Frar 2007 u dik moghtija mill-Magistrat Joseph Apap Bologna fid-29 ta’ Jannar 2008 ma gewx rezi operattivi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Mejju 2011 fejn il-Qorti regghet staqsiet lill-imputat jekk iridx l-assistenza ta’ avukat u hu rega’ rrifjuta. Il-Qorti staqsiet ukoll lill-imputat jekk kellux xi haga xi jghid dwar il-fatt li jirrizulta li s-sentenzi sospizi fuq imsemmija ma gewx rezi operattivi, u ma kellu xejn xi jghid. L-ufficjal prosekutur irrimetta ruhu u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li huwa inqabad *red-handed* mill-pulizija, u li l-fedina penali tieghu hija wahda raffrettarja.

L-imputat diga inghata diversi opportunitajiet minn din il-Qorti, diversament preseduta, biex jirriforma ruhu, ghalkemm gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn inghata piena ta’ prigunerija ukoll, u fil-fatt bhalissa qed jiskonta xi pieni ta’ prigunerija. Sfortunatament jirrizulta li minkejja dawn l-isforzi u l-opportunitajiet kollha, l-imputat ma tghallem xejn, tant li waqt il-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi, l-imputat ikkommetta ir-reati li bihom gie akkuzat fil-kawza odjerna, u li taghhom ammetta li hu hati. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat inghata opportunitajiet bizzejjed biex

jirriforma ruhu, u li apparti milli jinghata piena ghar-reati li taghhom instab hati fil-kawza odjerna, is-sentenzi sospizi li  kienu inghawlu fl-2007 u fl-2008 ghandhom jigu rezi operattivi.

In vista tal-fatt li mill-atti ma' jirrizultax li f'dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur habs effettivi.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) u 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' erba' (4) xhur habs sospizi ghal erba' (4) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-7 ta' Frar 2007 tigi reza operattiva.

Tordna wkoll, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur habs sospizi ghal sena moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-29 ta' Jannar 2008 tigi reza operattiva.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlettax (13) -il xhar prigunerija.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni ta' l-affarijiet relatati mad-droga ezebiti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------